## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1168/2022**

## FONICOM INFRASTRUCTURE LIMITED (C97455)

**vs**

## GENESIS GLOBAL LIMITED (C65325)

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa, 8 ta’ Marzu 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi s-soċjeta’ intimata hija debitriċi tas-soċjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ €51,947.52, u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mis-soċjeta’ intimata lis-soċjeta’ rikorrenti, liema talba saret permezz ta’ rikors tas-soċjeta’ Fonicom Infrastructure Limited preżentat fl-erbatax (14) ta’ Diċembru 2022 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru 2022, is-soċjeta' **<u>Fonicom Infrastructure Limited</u>** ippremettiet:

   a. *Illi s-soċjeta' rikorrenti Fonicom Infrastructure Limited tipprovdi servizzi fl-IT inkluż billi tipprovdi comupter hardware lill-kumpaniji;*

   b. *Illi skond statement of account hawn anness u mmarkat bħala "Dok A", is-soċjeta' intimata Genesis Global Limited hija debitriċi versu s-soċjeta' rikorrenti għas-somma ta' wieħed u ħamsin elf, disa' mija, sebgħa u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€51,947.52) bilanċ minn somma akbar għal prodotti forniti mis-soċjeta' rikorrenti lil dik intimata, fuq ordni tagħha stess, fosthom laptops, monitors, kompjuters u aċċessorji relatati bejn Diċembru 2021 u Jannar 2022 skond fatturi hawn annessi u mmarkati bħala "Dok B";*

   c. *Illi dawn il-fatturi kellhom jitħallsu f'pagamenti fix-xahar fuq medda ta' tnax-il xahar, iżda s-soċjeta' intimata naqset milli tkompli tonora l-obbligu tal-ħlas fix-xahar u għalhekk naqset milli żżomm mat-termini tal-kreditu mogħtija lilha u għalkemm ġiet interpellata diversi drabi biex tagħmel dawn il-pagamenti, hija baqgħet inadempjenti;*

   d. *Illi s-soċjeta' intimata rritornat xi prodotti stante n-nuqqas ta' ħlas għal liema prodotti s-soċjeta' rikorrenti ħarġet credit notes, li qed jiġu hawn anessi u mmarkati bħala "Dok Ċ", iżda mhux il-prodotti kollha ġew ritornati u għalhekk l-ammont suriferit ta' wieħed u ħamsin elf, disa' mija sebgħa u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€51,947.52) għadu dovut kif jidher mir-rendikont anness u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

   e. *Illi għalhekk is-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' wieħed u ħamsin elf, disa' mija sebgħa u erbgħin Ewro u*

*tnejn u ħamsin ċenteżmu (€51,947.52) u dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut;*

f. *Illi fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata m'għandha ebda eċċezzjoni xi tressaq kontra t-talba għall-ħlas tas-somma suriferita u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

g. *Illi dawn il-fatti huma magħrufa lis-soċjeta' esponenti personalment;*

3. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' wieħed u ħamsin elf, disa' mija sebgħa u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€51,947.52) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar għal prodotti forniti mis-soċjeta' rikorrenti;*

iii. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta' wieħed u ħamsin elf disa' mija sebgħa u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€51,947.52);*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata*.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti Fonicom Infrastructure Limited datat erbatax (14) ta' Diċembru 2022 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) *statement of account* (**Dok A** a fol 4 tal-proċess); (b) fatturi bin-numru ta' referenza 2021/0055, 2021/0058, 2022/0071 u 2022/0190 rispettivament (**Dok B** a fol 5 *et seq* tal-proċess); u (c) *credit*

*notes* bin-numru ta' referenza 2022/12/0001, 2022/12/0002, 2022/12/0003 u 2022/12/0004 rispettivament (**Dok Ċ** a fol 9 *et seq* tal-proċess);

5. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tad-dsatax (19) ta' Diċembru 2022 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Tlieta, għaxra (10) ta' Jannar 2023, b'ordni lis-soċjeta' intimata sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tas-soċjeta' attriċi, u, fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi;

6. Rat illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ nhar it-tnejn (2) ta' Jannar 2023;

7. Rat illi, waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Jannar 2023, il-legali tas-soċjeta' intimata ddikjarat li kien ġie preżentat rikors għall-istralċ tas-soċjeta' intimata (127/22 ISB) quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ), u kien qiegħed jintalab fil-proċeduri 127/22 ISB is-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni ai termini tal-Art 220 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Rat il-kopja tar-rikors ippreżentat mis-soċjeta' intimata fid-9 ta' Frar 2023 fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) bir-referenza 127/2022 ISB fl-ismijiet *Genesis Global Ltd vs X*, b'talba għas-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni, immarkat **Dok GGL1** a fol 21 *et seq* tal-proċess;

9. Rat illi l-proċeduri odjerni ġew sospiżi sakemm ikun hemm eżitu fil-proċeduri bir-referenza 127/2022 ISB, wara digriet fl-istess proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) mogħti nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar 2023 (**Dok GG2** a fol 26-27 tal-proċess) illi permezz tiegħu ġiet ordnata s-sospensjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna;

10. Rat il-provvediment tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) fil-proċeduri bir-referenza 127/2022 ISB fl-ismijiet *Genesis Global Ltd vs X* datat disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023 esebit bħala **Dok GGL2** a fol 32 *et seq* tal-proċess, li permezz tiegħu s-soċjeta' intimata ġiet ordnata li tiġi xolta

b'effett immedjat u konsegwentament stralċjata, u ġiet appuntata r-Riċevitur Uffiċjali Dr Ingrid Hamilton bħala stralċjarju tas-soċjeta' intimata;

11. Rat illi, waqt is-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2023, l-Av Dr Ingrid Hamilton obbligat ruħha li ser tgħaddi lis-soċjeta' attriċi kopja tal-inventarju li jinsab esebit fil-kawża 127/2022 ISB, u ddikjarat illi s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tissolleva rigward it-talbiet attriċi;

12. Rat ir-rikors ippreżentat fit-tmienja (8) t'Awwissu 2023 fit-termini tal-Artikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta fl-atti tal-kawża bir-rikors nru 127/2022 ISB mis-soċjeta' rikorrenti sabiex tiġi awtorizzata tipproċedi b'din il-kawża, u d-digriet illi permezz tiegħu intlaqgħet it-talba rikorrenti datat 30 t'Awwissu 2023 (a fol 49 *et seq* tal-proċess);

13. Rat illi, minkejja illi l-partijiet talbu differiment sabiex jirregolaw ruħhom sabiex isir aċċess fi proprjeta' fejn kienu qed jinżammu l-oġġetti maqbuda permezz ta' mandat ta' deskrizzjoni, ir-Riċevitur Uffiċjali informat lil din il-Qorti waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar 2024 illi l-paċiment ma setax isir, u talbet illi l-kawża tiġi differita għas-sentenza;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tas-soċjeta' attriċi, il-Qorti tinnota illi l-kawża ma ġietx deċiża b'mod definittiv waqt is-seduta tal-għaxra (10) ta' Jannar 2023 u fis-seduti sussegwenti stante illi kien hemm pendenti l-proċeduri ta' stralċ tas-soċjeta' intimata quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Kummerċ) fil-proċeduri bir-referenza 127/2022 ISB. Infatti din il-Qorti pproċediet sabiex tkompli tisma' l-kawża odjerna hekk kif is-soċjeta' rikorrenti ngħatat l-awtorizzazzjoni sabiex tipproċedi bil-proċeduri odjerni fit-termini tal-Artikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Fid-dawl tal-

premess, il-Qorti **sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi**, stante illi tali talba ġiet evidentement sorvolata;

16. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni u t-tielet talba** tas-soċjeta' rikorrenti, il-Qorti tinnota illi:

   a. L-ammont pretiż mis-soċjeta' rikorrenti jirriżulta minn *statement* datat sitta (6) ta' Diċembru 2022 immarkat **Dok A** a fol 4 tal-proċess u konfermat bil-ġurament ta' Christopher Mallia in rappreżentanza tas-soċjeta' rikorrenti;

   b. L-oġġetti forniti lis-soċjeta' intimata mis-soċjeta' rikorrenti elenkati fl-*istatement* suriferit huma korraborati minn fatturi esebiti bħala **Dok B** a fol 5 *et seq* tal-proċess;

17. Il-Qorti rat ukoll illi r-Riċevitur Uffiċjali informat lil din il-Qorti illi s-soċjeta' intimata ma kellhiex eċċezzjonijiet xi tressaq, b'dana illi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti baqgħu għalhekk inkontestati;

18. **Għaldaqstant __it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata__ u sejra tintlaqa';**

19. **Konsegwentement __sejra tintlaqa' wkoll it-tielet talba__ tas-soċjeta' rikorrenti;**

20. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

   > *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

21. Huwa evidenti illi l-imgħax fil-każ odjern jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) tal-Artikolu 1141 tal-Kap 16;

22. Il-Qorti tqis illi d-data minn meta kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni illi għaliha daħlet is-soċjeta' konvenuta, u cioe d-data minn meta sar dovut il-ħlas għall-prodotti forniti mis-soċjeta' rikorrenti, hija d-data ta' kull *invoice* relattiva. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkonsidra d-data ta' kull *invoice* relattiva bħala d-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet legali għal kull ammont dovut. Tali imgħaxijiet għandhom ikomplu hekk jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

23. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' wieħed u ħamsin elf, disa' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€51,947.52) rappreżentanti bilanċ għal prodotti forniti mis-soċjeta' rikorrenti;

(iii) **<u>Tordna</u>** lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' wieħed u ħamsin elf, disa' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€51,947.52), bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data ta' kull fattura relattiva esebita fil-proċeduri odjerni, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**